**11 ta' Mejju, 1962**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo. O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Anthony Sammut

*versus*

Paolo Sammut et.

**Mandati Kawtelatorji — Inibizzjoni — Kompetenza — Sentenza — Nullità — Art. 832, 833 u 876 tal-Kap. 15.**

*Il-mandati kawtelatorji kollha jiġu maħruġa u eżegwiti fuq ir-responsabbiltà ta' min jitlobhom; u dan jgħodd ukoll għall-mandat ta' inibizzjoni; b'dan, però, illi l-mandat ta inibizzjoni ma jinħareġx mill-Qorti ammenokkè ma tkunx sodisfatta illi l-mandat hu meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet ta' min jitlob il-ħruġ tiegħu, u li "prima facie" jkun jidher li hu għandu dawk il-jeddijiet fil-meritu. Ħlief din il-kondizzjoni ma hemmx restrizzjonijiet oħrajn espressament statwiti għar-rigward tal-ħruġ ta' dan il-mandat.*

*L-ispedizzjoni tal-mandati ma għandhiex tiġi ritardata ħlief*

*jew minħabba xi difett fir-rekwiżiti ta' forma preskritti mill-liġi, għax tkun kontra xi projbizzjoni jew restrizzjoni fid-dispożizzjonijiet dwar il-mandat; u għalhekk, meta jiġi mitlub il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, u tiġi sollevata l-kwistjoni jekk il-Qorti adita hijiex kompetenti, dak mhux l-istadju li fih tista' tiġi dibattuta l-kwistjoni tal-kompetenza, imma kwistjoni simili tista' tiġi investita in segwitu għall-mandat kif preskritt mill-liġi, jew b'azzjoni "ad hoc"; u għalhekk l-ispedizzjoni tal-mandat ma għandhiex tinżamm fuq l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-Qorti, sollevata sempliċement fuq ir-rikors għall-ispedizzjoni ta' dak il-mandat.*

*Għaldaqstant, ma hemmx lok għal ebda deċiżjoni tal-Qorti dwar il-kompetenza fl-istadju tal-ħruġ tal-mandat; u jekk tingħata deċiżjoni simili, il-Qorti tal-Appell, adita biex tiddikjara liema hija l-Qorti kompetenti, tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti u tirrinvija l-atti tar-rikors għall-ħruġ tal-mandat lill-istess Qorti biex tieħu konjizzjoni u tipprovdi fuqhom indipendentement mill-eċċezzjoni tal-inkompetenza mogħtija f'dawk l-atti; salva kull kwistjoni dwar il-validità ta' dak il-mandat minħabba r-raġunijiet ta' inkompetenza li tista' tqum eventwalment wara l-eżekuzzjoni skond il-liġi.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni tal-imsemmi Anthony Sammut quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, kontra l-konvenuti, li fiha wara li ppremetta illi huwa u l-konvenuti l-oħra huma komproprjetarji "pro indiviso" ta' għelieqi magħrufa bħala porzjoni 34 u 38 tal-"Piccolo Feudo", limiti tal-Imqabba; u illi l-konvenuti Sammut, Abela, Spiteri u Agius akkwistaw, fl-atti F. Micallef tat-22 ta' Marzu 1961 u atti J.R. Grech tas-7 ta' Settembru 1960, biċċa diviża mill-istess artijiet u qegħdin jisfruttawhom bħala barriera akkont tagħhom biss; talab li jiġu maqsuma l-istess artijiet fost il-kondomini, li huma kollha (ad esklużjoni tal-istess konvenuti l-aħħar imsemmija) nies mhux fil-kummerċ; u li dawk il-konvenuti jiġu inibiti li jisfruttaw il-barrieri sakemm ma ssirx id-diviżjoni u ma jirriżultax li l-awturi tagħhom imisshom il-porzjoni hekk trasferita lilhom: u dan skond l-art. 528 u 532 tal-Kodiċi Ċivili; u f'każ li d-diviżjoni mhix fattibbli komodament u bla diskapitu, talab li l-fondi jiġu liċitati;

Rat ir-rikors kontestwali tal-istess Sammut għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni biex l-imsemmija konvenuti, sakemm l-istess porzjoni lilhom trasferita tkun definittivament fl-istess diviżjoni lilhom assenjata, ma jkomplux jisfruttaw l-istess barrieri, a benefiċċju esklużiv tagħhom u a detriment tal-attur komproprjetarju tal-istess artijiet;

Rat l-eċċezzjoni tal-intimati, li qalu li huma kummerċjanti, u għalhekk l-istess mandat imissu ġie mitlub fil-Qorti tal-Kummerċ;

Rat id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti tat-28 ta' Marzu 1962, li biha laqgħet l-imsemmija eċċezzjoni u ddikjarat ruħha nkompetenti biex tieħu konjizzjoni tar-rikors tal-mandat tal-inibizzjoni; bl-ispejjeż kontra l-attur;

Rat ir-rikors tal-istess Sammut tal-5 ta' April 1962, li bih talab li din il-Qorti tal-Appell tiddeċidi skond il-liġi liema hija l-Qorti kompetenti biex tisma u tiddeċidi fuq il-kompetenza għall-ħruġ tal-mandat kif fuq il-materja ndikata fir-rikors għall-istess ħruġ bħala konsegwenzjali fil-kawża prinċipali, li hi purament ċivili;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-kwistjoni f'dan il-każ tirrigwarda l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni. Skond l-art. 832 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-mandati kawtelatorji kollha jiġu maħruġa u eżegwiti fuq ir-responsabbiltà tal-persuna li titlobhom. Mill-art. 833 jidher illi dan jgħodd ukoll għall-mandat ta' inibizzjoni. L-unika kondizzjoni li jagħmel l-art. 832 hija illi jkunu ġew osservati l-kondizzjonijiet preskritti mill-Kodiċi;

Skond l-art. 876, il-mandat ta' inibizzjoni ma jinħareġx mill-Qorti ammenokkè ma tkunx soddisfatta illi hu meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, li "prima facie" jkun jidher li għandu dawk il-jeddijiet, s'intendi, fil-meritu. Ħlief din il-kondizzjoni ma hemmx restrizzjo-

nijiet oħra espressament statwiti għar-rigward tal-ħruġ ta' "dan" il-mandat;

Huwa ovvjament ta' essenza fil-mandati kawtelatorji illi jiġu spediti sollećitament; għax bosta drabi l-effett u l-iskop tagħhom jiddependi appuntu mill-eżekuzzjoni tagħhom immedjata;

Mill-kumpless tad-dispożizzjonijiet tal-liġi proċedurali rigwardanti l-mandati jidher li l-ispedizzjoni ma għandhiex tiġi ritardata ħlief jew minħabba xi difett fir-rekwiżiti ta' forma preskritti mill-liġi, għax tkun kontra xi projbizzjoni jew restrizzjoni fid-dispożizzjonijiet dwar il-mandati. Minn dan isegwi illi l-istadju li fih tista' tiġi dibattuta kwistjoni ta' kompetenza ma hux dak tat-talba għall-ispedizzjoni tal-mandat, imma kwistjoni simili tista' tiġi nvestita jew fl-azzjoni dedotta in segwitu għall-mandat kif preskritt mill-liġi, jew f'azzjoni "ad hoc". Biex il-Qorti tieħu konjizzjoni tal-kwistjoni tal-kompetenza jeħtieġ illi quddiemha jkun hemm kawża li fiha dik il-kwistjoni tkun ġiet dedotta b'azzjoni jew b'eċċezzjoni;

Fil-każ preżenti, għalhekk, il-Qorti hi ta' fehma illi l-ispedizzjoni tal-mandat ma setgħetx tiġi miżmuma fuq l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-Qorti, sollevata sempliċement fuq ir-rikors għall-ispedizzjoni ta' dak il-mandat; u għalhekk ma kienx hemm lok għal ebda deċiżjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-kompetenza fl-istadju tal-ħruġ tal-mandat;

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi billi tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti u tordna li l-atti tar-rikors għall-ħruġ tal-mandat jiġu rinvijati lill-istess Qorti biex tieħu konjizzjoni u tipprovdi fuqhom indipendentement mill-eċċezzjoni tal-inkompetenza mogħtija f'dawk l-atti; salva kull kwistjoni dwar il-validità ta' dak il-mandat minħabba r-raġunijiet ta' kompetenza li tista' tqum eventwalment wara l-eżekuzzjoni skond il-liġi;

L-ispejjeż tal-inċident jitħallsu mill-intimandi.